**Laqgha Numru 03/K6/2010**

**Introduzzjoni**

It-Tielet Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat minhabba li jinsab imsiefer fuq btala privata fit-tul.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-8 ta' Frar 2010. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2010.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2010.**
- **03. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2010.**
- **04. Punti li johorgu mill-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' 2010.**
- **05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **07. Mistoqsijiet.**
- **08. Korrispondenza.**
- **09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **11. Decizjoni dwar Tenders 07/2009, 01/2010 u Kwotazzjoni 01/2010.**
- **12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **13. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 02/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.04, ghall-Minuti 01/K6/2010 item 2.03, ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.26 u ghall-korrispondenza numru **46/6695/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mas-sur Johann Bellizzi fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u ghalhekk kien ippropona l'issir spezzjoni tas-sit sabiex jigi dentifikat x'hemm bzonn isir, jekk hemm bzonn tingabar stima minghand il-kuntrattur tal-Kunsill u wara jkun il-Kunsill li jiddeciedi jekk issirx in-nefqa jew le, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li z-zjara fuq il-post kien ghadu ma ghamiliex ghax ser issir meta jirritorna l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.06, ghall-Minuti 01/K6/2010 item 2.28 u ghall-Minuti 20/K6/2009 item 12.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jsiru numru t'attivitajiet socjali u kulturali ghas-sena li gejja u qalet li ladarba jigi ffinalizzat il-kalendarju t'attivitajiet kienet ser tibghat lista dettaljata lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

2.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li dan il-kalendarju ser jigi pprezentat aktar il-quddiem.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.07 u ghall-Minuti 01/K6/2010 item 14.03 fejn is-Sindku Joe Zammit qal li f'wahda mill-attivitajiet l'attenda matul il-jiem ta' festi iltaqa' mas-Sur Tony Zahra ta' l-Alpine Travel fejn qal li dan jixtieq li jaghmel komunikat/rikonoxximent m'awtoritajiet fil-Montenegro u ghalhekk kien ippropona li l-Kunsill jaghmel ittra ta' riferenza lis-Sur Tony Zahra bhala mprenditur Malti sabiex ikun jista' jaghmel uzu minnha f'Cetinje, l-Montenegro, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra kien ghadu ma ghamiliex minhabba l'irid jiltaqa' mas-sur Zahra biex mieghu jifformula din l-ittra.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 2.09 u ghall-Minuti 01/K6/2010 item 14.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jigi ffurmat kumitat tan-nisa li jilghabu t-tennis u jaghmlu uzu mill-multi purpose court tal-Gnien 4 ta' Lulju kif ukoll li dawn jinghataw facilita' li jaghmlu uzu mix-xibka tal-Kunsill, li jinzamm registru ta' min u meta jsir uzu mill-court kif ukoll li l-Kunsill jahseb sabiex jixtri magna li tikkontrolla d-dawl li jintuza u li tahdem bit-tokens, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien staqsa lill-kuntrattur Jason Grech li kien qed jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fuq id-dawl ta' barra tal-Kunsill sabiex jipprovdi kwotazzjoni sabiex isir meter kif mitlub mill-Kunsill.

2.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li qed tahdem fuq dan il-grupp/kumitat tan-nisa li jilghabu t-tennis.

**46/0090/10/I** 07/01/2010 — Memo 07/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema Dwar Accessibilita' Ahjar fil-Lokalitajiet liema skema taghlaq fit-12 ta' Frar 2010.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 6.17 u ghall-korrispondenza numru **46/0090/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jqabbad lill-Perit Kevin Fsadni sabiex jaghmel rapport biex il-Kunsill ikun jista' johloq access ahjar ghall-Bajja ta' Pembroke, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Perit kien infurmah li hemm diffikultajiet kbar biex dan isir u kien tal-parir li minflok issir applikazzjoni ohra sabiex jigu nstallati bandli ghall-persuni b'dizabilita' fil-Gnien 4 ta' Lulju u fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta. Il-kelliem ippropona li dan il-parir ghandu jigi approvat.

2.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0125/10/O** 08/01/2010 — E-mail li l-Kunsill baghat lill-Kunsillier Lauro Fava sabiex jindika liema sigar hemm bzonn li jinzabru fi Triq Mandalay kif ippropona fil-laqgha precedenti.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 6.44 u ghall-korrispondenza numru **46/0125/10/O** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ghadu ma rcieva ebda risposta minghand il-Kunsillier Lauro Fava, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew kienet saret spezzjoni minn rapprezentanti tal-MEPA fejn dawn issa ser jinfurmaw bil-miktub lill-Kunsill jekk jistax isir zbir tas-sigar ta' Triq Normandy jew le.

2.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Lauro Fava baqa' qatt ma indika liema huma s-sigar li kien ghamel riferenza ghalihom fil-laqgha precedenti u kien ghalhekk li s-Segretarju ha l-inizjattiva u kkomunika mal-MEPA.

**46/0425/10/I** 19/01/2010 — E-mail minghand Ing. Stephen Buttigieg fejn informa l-Kunsill bis-servizz li joffri fuq progetti li hadem fuqhom fuq dwal arkittetorali.

**46/0447/10/I** 19/01/2010
**46/0500/10/I** 21/01/2010 — Memo 18/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament ghall-lokalitajiet sostenibbli.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 02/K6/2010 item 6.135 u ghall-korrispondenza numri **46/0425/10/I, 46/0447/10/I u 46/0500/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill japplika ghall-iskema lokalitajiet sostenibbli, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li d-diversi applikazzjonijiet li ser jaghmel il-Kunsill ser ikunu konkluza fil-jiem li gejjien.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' 2010.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' ghas-sena 2010 kif ipprezentati kif ukoll ippropona li l-Kunsill jiehu nota tas-suggerimenti li tqajmu fil-laqgha. **(Ara dokument A)**

3.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' 2010.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li me kienx hemm punti pendenti mill-laqgha tal-lokalita' ghas-sena 2010.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 14/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mas-sur Joseph Formosa Randon **(Ara dokument B); Internal Memo 15/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mill-Kunsilliera dwar applikazzjonijiet ghal diversi skemi **(Ara dokument C); Internal Memo 16/2010** b'rapport tal-laqgha li ghamlu l-MEUSAC dwar opportunitajiet ta' fondi **(Ara dokument D); Internal Memo 17/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Ms. Marconia Schembri **(Ara dokument E); Internal Memo 18/2010** b'rapport tal-ftuh tat-tender 01/2010 u kwotazzjoni 01/2010 **(Ara dokument F); Internal Memo**

**19/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 02/K6/2010 u 03/K6/2010 **(Ara dokument G); Internal Memo 20/2010** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 02/K6/2010 u 03/K6/2010 **(Ara dokument H); Internal Memo 22/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Pembroke Athleta FC **(Ara dokument I); Internal Memo 23/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Green Pak **(Ara dokument J) u** Kopja tal-Financial Statements ghas-sena 2009 riveduti kif mitlub mill-NAO **(Ara dokument K).**

5.02. B'riferenza ghall-Internal Memo 22/2010, is-Sindku Joe Zammit ippropona li wara l-laqgha li saret ma' Green Pak il-Kunsill ghandu jzomm il-Bring in Sites ta' Wasteserv u Green Pak jigu mitluba jhallsu nofs l-ispiza nvoluta tad-depozitu, li minhabba li jista' jkun li m'hemmx bizzejjed skart riciklat li jingabar mid-djar tal-borza l-griza l'issir nhar ta' Tlieta biss u li l-iskema tibda tahdem immedjatament minn meta jintlahaq il-ftehim ma' Wasteserv. Il-kelliem ippropona ukoll li meta jkun hemm il-materjal informattiv inkluz il-boroz lesti minn Green Pak ghandha ssir attivita' fejn tkun mistiedna l-media sabiex tinghata pubblicita' lil din l-inizjattiva.

5.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-laqgha l'attenda tal-Advisory Board tal-ECAD gewwwa VISE fil-Belgium. Il-kelliem qal li f'din il-laqgha ressaq proposta bhala rapprezentant tal-membru Pembroke biex Malta (jigifieri l-Kunsilli kollha Maltin) ikunu membru ufficjali tal-Advisory Board ghal 4 snin li gejjien u fl-istess laqgha ressaq ukoll proposta biex f'Malta jitwaqqaf Regional Office tal-ECAD ghar-Regjun tal-Mediterran bl-involviment ta' Pembroke biex imexxi dan l-ufficcju. Il-kelliem qal li dawn il-proposti kienu accettati fil-principju mill-Presidenza. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien hemm qbil f'din il-laqgha biex il-Kunsilliera responsabbli mill-edukazzjoni, sahha u familja jimpenjaw aktar ruhhom fix-xoghol tal-ECAD u Regional Offices. Il-kelliem qal li fil-konferenza ta' Malta ser ikunu konfermati dawn iz-zewg proposti u ghalhekk huwa mportanti li jkun hemm aktar Kunsilli Maltin li huma membri biex jivvutaw ghal dawn il-proposti. Il-kelliem qal li dan kollu kien spjegat fil-laqgha li saret ma' l-Onor. Chris Said li saret nhar it-Tlieta 9 ta' Frar fil-prezenza tas-sur Pierre Mejlak, Kap tas-Segretarjat.

6.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-hames membri tal-Kunsill ikunu nvoluti direttament f'dan l-avveniment inkluz registrar u logistika tal-konferenza. Il-membri ser ikunu allogjati fil-lukanda Kempinski bl-ispejjez taghhom koperti mill-konferenza u kull min jattendi jekk ikollu l-partner irid ihallas ghaliha huwa.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jkun inkluz ukoll fid-delegazzjoni tal-Kunsill kif ukoll li matul il-gurnata ghandu jkun assistit minn wahda mill-iskrivani tal-Kunsill.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-27 ta’ Jannar u s-16 ta’ Frar 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/0562/10/I**
25/01/2010
E-mail minghand is-Sur Rodnick Abdilla mill-Forum Zghazagh Laburisti fejn talab il-permess tal-Kunsill biex bejn il-25 ta' Gunju u t-12 ta' Lulju 2010 juzaw il-parkegg ta' l-Ex Parade Ground biex jorganizzaw attivita' fil-jiem tal-fazi finali tat-Tazza tad-Dinja tal-Futbol 2010.

8.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0562/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li diga kien hemm talbiet ohra qabel din u ma gewx accettata minhabba l-iskomdu li jista’ jinholoq ghar-residenti, l-istess ghandu jsir f’dan il-kaz. Il-kelliem qal li jekk jixtiequ jigu offruta l-parkegg li hemm biswit il-Pembroke Athleta Grawnd.

8.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

8.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/0566/10/I**
25/01/2010
E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informa l-Kunsill li l-bord ta' l-appell dwar il-kaz tas-Sur Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke ser issir nhar il-Hamis 4 ta' Frar 2010 fis-1.30 fl-ufficcju tal-AKL.

8.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0566/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa ma setax jattendi ghal dan is-smiegh minhabba l-laqgha tal-ECAD il-Belgju izda attenda s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn informa lill-Kunsill li bhalissa qed jigu trattati l-legalita’ ta’ l-appell.

**46/0570/10/I**
25/01/2010
E-mail minghand is-Sinjura Rita Antoinette Borg fejn informat lill-Kunsill bil-ktieb li ghadha kemm ippubblikat bl-isem 'Taqsamx it-Triq, Fuxa' fuq il-qanfud u nformat lill-Kunsill li lesta toffri s-servizz taghha fuq qari ta' stejjer lit-tfal.

8.07. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0570/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0575/10/I**
25/01/2010
Memo 20/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu ir-Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali.

8.08. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0575/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward dan ir-rapport inkitbet ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li kull meta jsir dan is-survey ghandu jkun infurmat il-Kunsill partikulari biex ikun jaf b’dak li qed isir fil-lokalita’ tieghu.

**46/0581/10/I**
25/01/2010
Memo 22/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Bye Law li hargu l-Kunsill Lokali Santa Lucija dwar l-amministrazzjoni ta’ Gnien is-Serenita’ u l-Bye li hargu l-Kunsill ta’ tas-Sliema dwar reklami

fuq l-internet.

8.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0581/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0590/10/I** 25/01/2010 E-mail minghand il-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar fejn baghtu kopja ta' l-affarijiet li tnizzlu flimkien mal-BOQ dwar it-tender ghall-installazzjoni ta' Photovoltaic Street Lighting.

8.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0590/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0621/10/I** 26/01/2010 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat estimu ta' xoghol ta' road resurfacing li hemm bzonn isir fit-toroq indikati li jlahhqu ghal €1,804.937.

**46/0651/10/I** 27/01/2010 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat BOQ dettaljata ta' xoghol ta' road resurfacing li hemm bzonn isir f'diversi toroq.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0621/10/I u 46/0651/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0659/10/I** 27/01/2010 E-mail minghand id-Direttur Natalino Attard mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill informa l-Kunsill li ma hemm l-ebda zball fil-kalkoli tal-allokazzjoni tal-Waste Tipping Fees u tal-Waste Management minhabba li ta' tipping fees giet ikkalkulata fuq l-istatistika tal-NSO fuq residenzi u tal-Waste Management giet ikkalkulata fuq id-data tad-Dipartiment ghar-residenzi li ntuzat fis-snin li ghaddew.

8.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0659/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona lill-Kunsill li dwar dan il-punt ghandu jkompli jsostni li ma jaqbilx mal-konkluzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif ukoll wara li tingabar l-informazzjoni kollha rigward x'hadu l-Kunsilli, ghandu jitressaq protest quddiem l-Awtorita' ta' l-Onor. Chris Said.

8.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0661/10/I** 27/01/2010 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li gie deciz li tigi aggornata l-lista tas-Sindki li jaghmlu d-diskorsi ta' merhba fil-laqghat li jsiru mill-AKL.

8.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0661/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0695/10/I** 28/01/2010 Ittra minghand Merlin Library fejn informaw lill-Kunsill bil-promozzjonijiet li ghandna ghaddejja bhalissa fuq bejgh ta' kotba.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0695/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0697/10/I** 28/01/2010 Ittra minghand Agenzija Sapport fejn staqsew lill-Kunsill jekk isibx oggezzjoni li titnehha l-bankina li hemm mal-genb tad-dar tal-Familja Borg li joqghodu Blk 2, Hse 2, Trejqet Antoine de Favray sabiex issir reserved parking bay ezatt ma' genb tad-dar u b'hekk ma tostakolax it-trejqa u staqsew jekk hemmx bzonn ukoll il-permess tal-ADT jew ta' xi

entita' ohra.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0697/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-sinjur biex il-Kunsill jara u jevalwa ahjar il-proposta li qed issir qabel il-Kunsill jikkommetti ruhu favur jew kontra.

8.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0698/10/I** 28/01/2010 E-mail minghand Europe Direct is-sur Mark Causon fejn informa l-Kunsill li ghandhom talba ghal gemellagg ma' post Sqalli u staqsa jekk il-Kunsill hux interessat.

**46/0710/10/I** 28/01/2010 E-mail minghand Europe Direct is-sur Mark Causon fejn b'riferenza ghall-possibilita' ta' gemellagg informa l-Kunsill li huwa jkun lest li jipprepara l-applikazzjoni.

8.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0698/10/I u 46/0710/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li f'dan l-istadju meta hemm talba ghall-gemellagg ma' Anning fic-Cina, mhux possibbli li l-Kunsill jidhol ghal gemellagg iehor.

8.21. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0699/10/I** 28/10/2010 E-mail minghand is-Sinjura Mary Mills minn Wales fejn informat lill-Kunsill bir-ricerka li qed taghmel u staqsiet jekk nistghux nghinuha dwar konnessjoni storika bejn Malta Dock Yards u Pembroke Dock.

8.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0699/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li Ms. Mills ghandha tigi nfurmata li skond kummenti storici Pembroke Dock kellhom konnessjoni ma' Kalafrana f'Birzebbuga minhabba li kien hemm Catalina Flying Boat station. Il-kelliem qal li fil-fatt il-Hanger li kien iservi ghal Catalina illum jinstab f'idejn il-Marsaxlokk Fishing Company Ltd.

8.24. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0714/10/I** 28/01/2010 E-mail minghand il-MEPA fejn b'riferenza ghall-oggezzjoni ghal PA05309/08 ghall-izvilupp propost mill-Korporazzjoni Enemalta informaw lill-Kunsill li gew sottomessi pjanti godda.

8.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0714/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0725/10/I** 28/01/2010 E-mail minghand il-MEPA is-Sur Joe Zahra fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mieghu dwar il-wirja tal-gallariji tradizzjonali tal-injam informa l-Kunsill li l-wirja ser tittella' bejn it-28 ta' Gunju u l-4 ta' Lujlu 2010 u ghaldaqstant talbu l-Kunsill sabiex jipprovdi post fejn tkun tista' tittella' din il-wirja.

8.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0725/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta li din l-attivita' ssir fis-sala tal-Kunsill fil-gimgha ta' Jum Pembroke.

8.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0749/10/I** 29/01/2010 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat rapport fuq dawl photovoltaic ghall-Gnien ta' San Patrizju b'riferenza ghal memo 10/2010.

8.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0749/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ir-rapport intuza ghall-programm ta' fondi specjali.

**46/0752/10/O** 29/01/2010 Ritratti mibghuta b'e-mail lis-Sur Simon Cioffi u lis-Sur Edmund Mifsud b'riferenza ghall-laqgha li saret maghhom dwar ilqugh ghal Triq ANZAC u Misrah il-Paci.

8.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0752/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara l-laqgha fil-Kunsill ma' dawn is-sinjuri, flimkien marru l-Plant Troop ta' l-AFM flimkien mas-suldati biex jaraw b'ghajnejhom il-bzonn li hemm.

**46/0802/10/I** 01/02/2010 Ittra minghand Pembroke Athleta Athletic Section fejn informaw lill-Kunsill li ser issir is-sittax il-edizzjoni tal-maratona ta' giri fit-toroq ta' Pembroke u Swieqi nhar l-Erbgha 31 ta' Marzu 8.00am u talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill ghal €632.50 sabiex jinghataw trofew lill-atleti rebbieha u spejjez ohra kif ukoll is-servizz ta' 6 gwardjani lokali.

8.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0802/10/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill bhas-snin l-imghoddija l-Kunsill ghandu jiehu sehem f'din l-attivita' internazzjonali tal-giri.

8.33. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond l-Att il-Kunsill ma jistax jisponsorja jew jaghti donazzjonijiet la fi flus u lanqas 'in kind'. Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill li l-unika soluzzjoni li hemm hija li l-Pembroke Athleta jigu mitluba li fl-istess avveniment jaghmlu fun run ghar-residenti ta' Pembroke biss u l-Kunsill jixtri l-midalji specifikament ghal dawn il-partecipanti u ghalhekk l-attivita' tkun qed issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

8.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li t-talba ta' Pembroke Athleta ghandha tigi accettata billi jigu ffinanzjata € 400.00 kif ukoll jekk huwa possibbli l-Gwardjani Lokali jigu provduti ghas-spejjez tal-Kumitat Kongunt u li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said fejn jigu nfurmati li l-ghajnuna li qed jaghti l-Kunsill hija abbazi li attivita' simili hija t'ghajnuna sabiex tbieghed liz-zghazagh minn vizzji hziena u ghalhekk titqies ukoll bhala azzjoni edukattiva.

8.35. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0822/10/I** 01/02/2010 Memo 26/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar taxxa fuq l-allowance lill-Kunsilliera.

8.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0822/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b'riferenza ghal din il-memo, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ha l-inizjattiva u talab ghal aktar kjarifika fuq din il-materja.

8.38. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja tar-risposta tas-Segretarju Ezekutiv ghandha tintbaghat ukoll lill-AKL.

8.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0823/10/I** E-mail minghand Anna Lindh Foundation fejn informat lill-Kunsill li

01/02/2010 network meeting ser isir nhar it-Tnejn 8 ta' Frar bejn id-9.30 u 12.30 gewwa Dar il-Mediterran u l-workshop ser isir nhar il-Gimgha 26 ta' Frar bejn id-9.00am u l-5.00pm gewwa Dar l-Ewropa.

8.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0823/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0828/10/I** 01/02/2010 Artiklu li baghtet il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li deher fuq il-gazzetta Times of Malta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar fejn is-Sindku ta' Varallo hareg bye law biex jipprojbixxi lin-nisa Islamici jilbsu l-velu u ssugerit li tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

8.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0828/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.43. Wara diskussjoni li saret fuq is-suggett kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu jzomm nota ta' dan l-artiklu ghal dak li jista' jigri fil-futur.

**46/0847/10/I** 02/02/2010 Ittra minghand ic-Centru Nazzjonali Laburista fejn b'riferenza ghall-ittra li l-Kunsill baghat dwar l-Australia Hall issugerixxa li ssir laqgha nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2010 fit-3.30pm.

8.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0847/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-laqgha li kellha ssir ma' Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ma saritx minhabba li huwa kien il-Belgju pero qal li kien infurmat li l-Partit Laburista kellu jressaq l-applikazzjoni quddiem il-MEPA ghal restawr ta' din il-binja.

8.45. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-fatt il-Partit Laburista skond dak irrapurtat fuq il-media jirrizulta l'issottomessa applikazzjoni lill-MEPA ghar-restawr tal-bini ta' l-Australia Hall nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2010 u dan wara li skond kif gie rrapurtat intemmet il-kawza legali li kien hemm fil-Qrati li kienet ilha ghal numru twal ta' snin.

**46/0849/10/I**
**46/0850/10/I**
**46/0851/10/I**
**46/0852/10/I**
**46/0853/10/I**
02/02/2010
**46/1001/10/I**
08/02/2010
**46/1105/10/I**
11/02/2010

Artikli li dehru fuq Times of Malta dwar protezzjoni ta' bini storiku bhal Victorian Stone Foot-Bridge, l-Ex British Military Services Tennis Pavillion fi Triq Tunis, il-kamra militari li hemm fi Triq Cassino c/w Triq Camillo Sciberras, ir-Rifle/Pistol Range off Madliena Tower u l-Madliena night practice Battery.

8.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0849/10/I, 46/0850/10/I, 46/0851/10/I, 46/0852/10/I, 46/0853/10/I, 46/1001/10/I u 46/1105/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li hargu aktar artikli fuq postijiet storici barra dawn u ghalhekk qal li meta johorgu kollha ghandu jsir artikolett taghhom.

**46/0859/10/I** 02/02/2010 E-mail minghand in-Northern Cleaning Group is-Sur Raymond Mizzi fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill informa l-Kunsill li l-kumpanija lesta tipprovdi s-servizz ta' gbir ta' skart 4 darbiet fil-gimgha u jbattlu 6 skips kuljum.

8.47. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0859/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara laqgha li huwa, il-Kunsillier Joe Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom aktar kmieni mas-sur Raymond Mizzi tan-Northern Cleaning Group, il-Kuntrattur sarulu zewg proposti li huma li jew issir 4 darbiet gbir inkluz it-tbattil ta’ l-20 skips li 6 minnhom jingabru 6 t’ijiem fil-gimgha jew l-alternattiva l’issir 5 darbiet gbir ta’ skart u l-iskips jitnaqqsu ghal 6 li jingabru 5 darbiet ukoll u dan kollu ghall-prezz ta’ 4 t’ijiem skond ir-rati tal-kuntratt.

8.48. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-kont lill-kollettur ta’ l-iskart ghadu ma thallasx minhabba li l-fattura li baghat hija fuq il-kumpanija l-gdida u mhux fuq Northern Cleaning Co-Op Ltd. u ghalhekk qabel din tigi rrangata l-Kunsill ma jistax ihallas minhabba li m’hemm ebda rabta kuntrattwali.

8.49. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-laqgha li saret mal-kuntrattur huwa kien infurmat b’dan u intalab jirratifika l-pozizzjoni tieghu.

8.50. Wara diskussjoni twila s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jesigi li l-kuntrattur jaghzel l-offerta ta’ 5 t’ijiem gbir inkluz skips li jitpoggew 2 Juno Flats u 4 San Gorg biex nhar ta’ Tlieta tingabar biss il-borza l-griza. Il-kelliem ippropona ukoll li jigu nfurmata r-residenti b’din il-kampanja u jigu mhegga biex jaghmlu aktar uzu mill-Bring in Sites kif ukoll li jekk ikun hemm qbil mal-kuntrattur dan it-tibdil ghandu jidhol fis-sehh b’effett mill-1 ta’ Marzu 2010. Finalment il-kelliem ippropona li l-kuntrattur ghandu jinghata zmien sa nhar il-Gimgha 19 ta’ Frar 2010 fin-12.00pm sabiex jaccetta din il-proposta u jekk kemm il-darba din ma tigix accettata l-Kunsill ghandu mmedjatament jibda l-process ghall-hrug ta’ tender gdid.

8.51. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/0862/10/I**<br>02/02/2010 | E-mail minghand Special Interest Travel Ltd. fejn talbu l-Kunsill juzaw l-Ex Parade Ground bejn Novembru/Dicembru 2010 ghal car show. |

8.53. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0862/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jistax jilqa’ din it-talba minhabba l-progett tal-Park & Ride u ghalhekk ma jistax jiggarantixxi li l-post ikun vojt.

8.54. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/0863/10/I**<br>02/02/2010 | Memo 27/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar. |
| **46/0891/10/I**<br>03/02/2010 | E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghal Memo 27/2010 issuggerixxa li nistghu napplikaw biex isir id-dawl fi Triq il-Kurunell Cocks u fil-Pjazza Nazju Falzon b'pannelli solari. |

8.56. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0863/10/I u 46/0891/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japplika sabiex il-Kunsill jinstalla dawl li jahdem bil-pannelli fotovoltajici fi Triq il-Kurunell Cocks u Pjazza Nazju Falzon.

8.57. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.59. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill minghand min ser tintalab l’issir stima ghal dawn il-lampi kif ukoll kif il-Kunsill ser jiffinanzja l-bilanc ta’ 50% jekk kemm il-darba l-progett jigi approvat.

